**MALTA**

## TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2016

Talba Numru: 913/2015AM3

Numru fuq il-Lista: 2

**Trinatours Limited C12518**
**42, University Street,**
**Imsida**

**vs**

**Dr Eucharist Bajada**
**Sylville**
**Valletta Road,**
**Mosta**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fit-30 ta' Novembru, 2015 li permezz tiegħu s-Socjeta` attrici talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' elf

mitejn u tnejn u sittin ewro u wiehed u sebghin centezmu (€1,262.71c) rapprezentanti prezz ta' biljetti tal-ajru lilu mibjugha u konsenjati.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, l-konvenut ma kkontestax  il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher biex jirrispondih u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, t-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-Socjeta` attrici s-somma ta' elf mitejn u tnejn u sittin ewro u wiehed u sebghin centezmu (€1,262.71c) bl-imgħax legali dekorribbli mid-data ta' l-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tad-29 ta' Lulju, 2015 huma a karigu tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**